# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 218 :: LULJU 2014



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **25 ta' Lulju, 2014,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna. Imma tinsewx li nhar il-Ħadd, 13 ta' Lulju se jkollna programm speċjali fis-sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm fejn se nagħtu merħba lill-awtur u poeta Malti, Adrian Grima. Nispera li narawkom hemm u li ġġibu lil tal-familja u l-ħbieb magħkom.

## SERATA SAJFIJA GĦAD-DAWL TAL-QAMAR

Saret serata letterarja nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju fis-7.30 pm fil-bitħa ta' ma' ġenb il-Lending Library fi Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex. Ġie ppreżentat 'feature' letterarju qasir dwar 'Il-Bajjiet Għawdxin fil-Letteratura' li nqara minn Antoinette Grech, M'Louise Attard u Marija Schembri, kitba tal-Kav. Joe M Attard, kif ukoll ġew mistiedna għadd ta' kittieba Għawdxin (Joe Camilleri, Joe W Psaila, Ganninu Cremona, Dun Gorg Mercieca, Paul G. Pisani, Charles Bezzina, Anton F Attard, Patri Remig Galea, Dr Alfred Grech, Joe Zammit Ciantar) biex jaqraw xi ħaġa marbuta mal-istaġun sajfi. Kien hemm ukoll il-kantanta u pjanista Mariella Cefai Spiteri li kompliet iżżewwaq is-serata bil-vuċi tagħha.

## SERATA LETTERARJA F'ĦAL SAFI

Waqt li s-Segretarja tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, Rosemary Attard u r-raġel tagħha, Charles, jinsabu fuq btala f'Malta, huma kellhom l-okkażjoni li jattendu għal Serata Mużiko-Letterarja "Safi — il-Kliem fil-Melodija" li l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mall-Kunsill Lokali Safi organizzaw nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju fis-7 pm quddiem il-Knisja ta' Santa Marija Ħal Safi. Ħadu sehem il-*Grupp Novum Ensemble*, u l-poeżij li nqraw kienu b'tema patrijoittika. Rosemary Attard ġiet mistiedna biex taqra poeżija u qrat il-poeżija ta' Manwel Nicholas Borg "Lill-Bandiera Maltija". Qabel ma qrat din il-poeżija, Rosermary qalet xi ħaġa fuq Manwel Nicholas Borg u fuq il-Grupp tagħna. Rosermary qaltli li dawk li kienu preżenti ħadu pjaċir li saru jafu li f'Melbourne hemm min hu daqshekk interessat fil-Malti u biex inkomplu hekk.
Rosemary qaltli li s-Sindku kien preżenti wkoll u wara kien hemm xi rinfreskanti b'ikel Malti. Waqt li kienet hemm Rosemary u Charles iltaqgħu ma' ħafna li għandhom x'jaqsmu mal-letteratura Maltija f'Malta kif ukoll ma' Rigu Bovingdon li kien Malta fuq btala wkoll.
Nixtieq nirringrazzja lil Patrick Sammut li ħa ħsieb li jistampa u jgħaddi l-poeżija ta' Manwel Nicholas Borg li jien għaddejt lilu.Grazzi wkoll għar-ritratti.



*Aktar ritratti f'paġna 4*

## *Ittri li nirċievu . . .*

Għażiż Paul, Grazzi tassew għall-Folju t'Aħbarijiet li inti ġentilment tibgħatli u li hu mimli b'aħbarijiet ta' dak li qed isir kemm fi gżiritna kif ukoll l-Awstralja b'risq l-ilsien għażiż tagħna. Veru li kull biċċa xogħol titlob il-ħsieb u t-taħbit sa ma tlestiha, imma wara tagħtik sodisfazzjon kbir. Tislijiet
***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Niżżikħajr ta'din il-ħarġa ta' Ġunju 2014 tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Intom id-dixxipli veri ta' lsienna u l-arbli dritti tal-bandiera tagħna.
***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Prosit tassew għal edizzjoni oħra tal-Folju. Hi biċċa xogħol serja u siewja. Inselli għalik ħafna.
***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Kemm ħadt pjaċir bil-wasla tal-folju ta' Ġunju 2014. Nibgħat nirringrazzjak ħafna speċjalment għall-fatt ta' kemm intkom il-Maltin tal-Awstralja tgħożżu l-Malti u tibżgħu għal din il-lingwa li hija wisq għażiża għalina. Grazzi ħafna għat-tagħrif li qsamt magħna li hu bil-wisq apprezzat minna li bħalkom għandna mħabba speċjali lejn ilsien pajjiżna. Nibgħat inselli għalik u għall-membri tal-grupp tal-Letteratura.
***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Prosit tal-folju li jasalli email permezz ta' Joe Borg. Awguri għall-ħidma b'riżq l-ilsien Malti fil-kontinent Awstraljan. Qed nibgħatlek poeżija li ktibt dan l-aħħar biex jekk tkun trid, tippubblikaha fil-folju meta tkun komdu; din ma ġietx ippubblikata. Mill-ġdid nawguralek fil-ħidma tiegħek favur ilsien art twelidna. Il-paċi miegħek!
Għoddni tiegħek,
***Dun Geoffrey G Attard***

# Lil Malta f'salib it-toroq

***(B'dedika lil min irid jagħmel minn Malta 'l-aktar pajjiż liberali fl-Ewropa')***

Malta Malta fejn int sejra
għidli int li ma tafx fejn
min suppost irid iħobbok
qed jisħqek taħt ir-riġlejn...

Fejn int sejra f'dir-rebbiegħa
fejn il-ħmura fl-għaxijiet
flok ma tħeġġek għat-tiġrija
qegħda triegħxek mal-ibliet!

Donnok tlift il-mixja tiegħek
tlift tal-abbi s-sura, il-ġieħ
li għalik fl-imgħoddi tħabtu
biex geddumek jibqa' sħiħ!

Tlift il-ħajja li l-għannejja
ta' ġrajjietna ħlew għalik
bħal insejt li l-Għoli għażlek
għax bil-ħlewwa ried jgħattik!

La tiċħadx Malta nitolbok
dak li darba rbaħt bl-unur
meta fost il-ġnus kotrana
kont tas-safa l-isbaħ fjur!

Kont xi darba tqajjem l-għira
fost il-ġnus li tilfu r-ruħ
imm'int issa qed tinħela
sirt bħal rifs qalb il-ħafur!

Qum minn hemm u le la tħalli
lil min suppost jaf b'aħjar
jirkeb fuqek biex jitkabbar
għax id-demm għal rasu far!

Titħeddilx għar-raġġi fietla
ta' rebbiegħa kollha riħ
li jrid jaqla' minn għeruqu
dak li ġensna dara bih!

Dari lilek kien jammira
kull min sama' seħħlu bik
għax il-għożża tal-familja
kont issibha dejjem fik!

Imm'illum minn fost uliedek
qam min jaħkmek b'qilla jrid
tefa' l-lifgħa f'ħobbok b'ħeffa
flok qaddej irid ikun sid.

Ħeba wiċċu taħt il-maskla
tal-makakk "moħħu miftuħ"
biex bl-iskuża tal-mogħdrija
minn ta' ġensna jkidd ir-ruħ.

Malta Malta fejn int sejra
għidli int li ma tafx fejn
min suppost irid iħobbok
qed jisħqek taħt ir-riġlejn...

***Dun Geoffrey G Attard***
***23 ta' April 2014***

## Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria

*qed jorganizza*

Laqgħa ta' merħba mall-poeta u awtur Malti



# Adrian Grima

**fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville**
**il-Ħadd, 13 ta' Lulju, 2014**
**fis-2 pm**

Adrian Grima jitkellem fuq il-letteratura Maltija f'Malta u jaqra' xi xogħol minn tiegħu.
Jekk il-ħin jippermetti l-membri jaqraw xi kitba tagħhom jew ta' awturi oħrajn.

***Kulħadd mistieden biex jattendi***

Wara jkun hemm xi rinfreskanti

**DĦUL B'XEJN**

**Ġibu l-ħbieb u lil tal-familja**

*Għal aktar informazzjoni ċemplu lil Paul Vella* ***fuq*** **9460-4404**




F'dawn l-aħħar xhur, il-ħabib tagħna Dr Clemente Zammit ħadem ħafna biex ġabar ħafna mix-xogħlijiet tal-membru tagħna, il-mibki, imma qatt minsi, Laurie Armato. Laurie kiteb ħafna proża u poeżiji u dnub li dawn jintilfu. Dr Zammit ġabar ħafna mix-xogħol ta' Laurie fi ktejjeb elettroniku u aħna nirringrazzjawh għal dan ix-xogħol sabiħ li għamel għall-memorja ta' Laurie Armato.

*Aqra dan il-ktejjeb permezz tal-kompjuter billi tuża din il-link:*

**http://online.fliphtml5.com/bxaj/vdfy/**

*Issib il-ktejjeb ukoll fuq Facebook:*

**https://www.facebook.com/clemente.zammit**

Laurie Armato kien membru attiv tal-Grupp Letteratura Maltija għal ħafna snin u xieraq inżommuh fi ħsiebna

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# PROFILI DWAR KITTIEBA GĦAWDXIN




Madwar sena ilu, il-Kav. Joe M Attard kien tana l-ktieb tal-poeżiji tiegħu 'L-Għanja tat-Tifkira', ġabra ta' madwar 150 poeżija dwar suġġetti varji, ħafna minnhom marbuta ma' Għawdex fejn twieled, trabba u kiber il-kittieb. Dawn il-jiem huwa ħareġ il-pubblikazzjoni tiegħu dwar il-Kittieba Għawdxin li għexu matul dawn l-aħħar mitt sena. Dawn jidhru skont l-ordni tat-twelid flimkien ma' tagħrif dwar ħajjithom, ritratt tal-awturi u xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom. Għal dil-pubblikazzjoni daħal il-Klabb Kotba Maltin tal-Belt Valletta u Santa Venera, b'għajnuna siewja mill-Ministeru għal Għawdex, Bank of Valletta, Gozo Arts u Magro Group, waqt li l-A & M Printing tal-Qala stampa l-ktieb (260 paġna) li għandu disinn tal-qoxra tas-saċerdot novell Dun Daniel Sultana mix-Xagħra u studju kritiku tal-Professur Charles Briffa.

B'kollox Joe M Attard irnexxielu jikteb dwar erbgħa u ħamsin kittieb Għawdxi; jibda b'tagħrif dwar Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella li twieled fis-17 ta' Diċembru 1859 u jtemm is-sensiela tiegħu bil-kittieb żagħżugħ Pierre Mejlaq li twieled fl-20 ta' Lulju 1982. Uħud minn dawn il-kittieba għadhom mimlija bl-għomor u kif jistqarr l-awtur innifsu, kien ta' pjaċir għalih jiltaqa' magħhom u jiddiskuti l-kitba tagħhom; dawn għadhom jgħanu lil-Letteratura tagħna bix-xogħlijiet varji tagħhom, waqt li oħrajn illum ħallewna u dwarhom kellu jfittex u jqalleb il-paġni ta' diversi pubblikazzjonijiet biex seta' jibni l-kitba tiegħu.

Bla dubju, l-ġenerazzjoni li tiela' żgur li ma tiftakarx bosta minn dawn il-kittieba u għalhekk l-awtur ħass li kellu jinkludi wkoll xbieha tal-kittieba u biex il-pubblikazzjoni ma tkunx biss narrazzjoni dwar il-ħajja tal-kittieba, huwa ssokta jżewwaq ukoll dawn il-kitbiet b'siltiet mix-xogħlijiet tagħhom.

Kif jistqarr Dr Charles Briffa fid-Daħla tal-ktieb, it-tema ewlenija ta' din il-ħidma kollha stampata, hija n-natura umana. Mill-esperjenzi tal-bniedem fil-komunita' tixref il-kultura li tikxef stat ta' moħħ u mod ta' ħajja. Meta wieħed jitkellem fuq nies oħra jkun qed joffri possibilitajiet biex il-ħajja umana tkun investigata x'aktarx fl-ambjent immedjat tagħha. Ta' min jgħid li fl-isfera ta' pajjiż sħiħ, l-Għawdxin isawru taqsima essenzjali ta' dawn il-gżejjer biex jagħtu aspetti meħtieġa li jżidu mad-definizzjoni tal-kultura tan-nazzjon tagħna. Allura dan il-ktieb ta' Joe M Attard qiegħed juri ftit minn dawn l-aspetti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja letterarja; fil-viżjoni tiegħu l-letteratura tinkludi poeżija, proża, rumanz, novella, folklor, storja, drammi, xandir u ġurnaliżmu.

Dawn il-kitbiet fuq kittieba letterarji Għawdxin huma parti minn ħidma edukattiva ta' rispett li għandu jkollna għal niesna li taw kontribut għall-ilsien Malti. Huma kitbiet li għandhom jixprunaw lil xi qarrejja biex ifittxu iktar fuq xi wħud minn dawn il-kittieba letterarji. Għalhekk dan il-ktieb għandu jħajjar lill-qarrejja għal iktar esplorazzjoni u għal proċess ta' għarfien aktar fil-fond biex jifhmu d-diversita' għanja mhux biss tal-letteratura imma tal-ħajja umana nnifisha. Huwa ktieb ieħor biex nagħrfu lilna nfusna.

Bla ebda dubju, it-terminu *kittieba Għawdxin* jimplika li l-kittieba huma minn Għawdex imma ma jimplikax bilfors li kitbu fuq xi aspett Għawdxi. Jiġifieri fost il-kitbiet tagħhom insibu dawk li jittrattaw temi Għawdxin u dawk li jaħdmu fuq materjal ieħor. Ngħidu aħna ħafna mil-lingwistika ta' Ġuże' Aquilina u Ninu Cremona hija ħidma li tikkonċerna lil kulħadd fuq dawn il-gżejjer -- nazzjonali, jiġifieri ta' siwi għan-nazzjon Malti kollu. Imma nsibu wkoll riċerka li tiffoka fuq Għawdex bħall-istudji toponomastiċi ta' Joe Żammit Ċiantar, il-folklor ta' Anton F. Attard u l-leġġendi ta' Ġorġ Pisani. Attard jinqeda bi stil personali biex jagħtina proża li għalkemm hija suġġestiva, hija wkoll informattiva u espożitorja u għandha livell semantiku li jħaddem suġġestivita' attiva ħafna li biha jiġbdilna l-attenzjoni tagħna u jixħitha fuq is-suġġett. Għaldaqstant f'dawn il-kitbiet jingħata frak bijografiku u kultant jinfetħu xi twieqi aneddotali filwaqt li kif għidna iktar 'l fuq, l-awtur jislet xi ħsebijiet mill-kitbiet ta' dawn il-persunaġġi. B'hekk jitbexxqilna l-bieb fuq is-suġġetti li huma l-persunaġġi b'interess fil-Letteratura u Attard jipprova jispjega kemxejn mill-impatt ta' dawn il-persunaġġi fuq il-komunita' letterarja. Il-kitba mela, hija impressjonistika għax toħroġ mill-impressjoni li Joe Attard għandu ta' kull persunaġġ – ħaġa naturali għax meta tikteb fuq xi ħadd ġeneralment tkun parzjali u interpretattiv.

Dr Briffa jistqarr li l-lingwa u l-kultura huma inseparabbli minn xulxin, u minkejja li l-ktieb li għandna f'idejna jitkellem fuq 'kittieba Għawdxin', dan ma jfissirx li hemm xi letteratura reġjonali li tinqata' mill-kultura lokali għax ukoll dawn il-kittieba Għawdxin jirriflettu xi ħaġa li hija nazzjonali fil-karattru tagħha. Il-kitba minn Għawdex tkattar l-identita' nazzjonali għax iżżid aspetti oħra fl-għarfien nazzjonali b'lingwa li jitkellimha kulħadd fil-gżejjer Maltin. B'mod naturali, f'dawn il-gżejjer il-kitba Għawdxija tintegra ruħha fil-letteratura Maltija bħalma jiġri b'kull kitba minn kull distrett ieħor ta' Malta.

Min forsi għadu ma qarax bizzejjed dwar il-kittieba Għawdxin li għexu matul dawn l-aħħar mitt sena, bħal Ninu Cremona, Ġorġ Pisani, Anton Buttiġieġ, il-Kapuċċin Patri Giaċintu Camenżuli, il-Ġiżwita Patri Ġużeppi Mejlak li kien beda jaħdem fuq dizzjunarju Malti maħdum bl-irqaqat kollha għal dawk li huma frażijiet u kliem tekniku, iżda li minħabba saħħtu u wara mewtu, ma kienx irnexxielu jwassal sat-tmiem, Monsinjur Gużeppi Farruġia Goioso li kien il-ħames Bibblijotekarju tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex u li qaleb mit-Taljan għall-Malti l-Istorja t'Għawdex f'żewġ volumi miktuba mill-Kanonku Ġann Piet Agius de Soldanis, l-Avukat Gużeppi Micallef, Laurent Ropa li qatta' għomru fi Franza u li tiegħu għandna bust fil-Villa Rundle, Monsinjur Arċidjaknu Pawlu Cauchi, u ruxxmata kittieba oħra, issa għandu l-okkażjoni li jsir jaf iktar dwarhom u jaqra wkoll xi ħaġa mix-xogħlijiet tagħhom.

Profili ta' Kittieba Għawdxin jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-KKM fil-Belt u f'Santa Venera kif ukoll mill-ħwienet ewlenin tal-kotba u jinbiegħ €12. 50c.

*Ikomplu minn Paġna 1...*

Rosemary u Charles ħadu gost li kienu preżenti għal din is-serata u li kellhom l-okkażjoni li jiltaqgħu ma' Patrick Sammut u oħrajn. Huma xtaqu li kellhom aktar okkażjonijiet bħal dawn. Nirringrazzja għal darb'oħra lil Patrick Sammut li stieden lil Rosemary u lil Charles għal din is-Serata u talli ħa ħsieb jibgħat dawn ir-ritratti.





# IL-MEWT TA' FRANK CONSIGLIO



Nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju tħabbret il-mewt ta' Frank Consiglio fl-eta` ta' 92 sena. Frank serva bħala Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria fis-snin 1970-1980. Huwa kien ħabrek ħafna ma' Dr Guze` Abela biex jibdew il-lezzjonijiet tal-Malti fil-Komunita`Maltija tal-Victoria. Huwa kien ħabrek ukoll fil-bidu tal-programmi Maltin fuq ir-radju. Naħseb kulħadd kien jiftakar il-kitba umoristika tiegħu, kemm fil-gazzetta "Il-Maltija" u l-"Maltese Herald" fejn kien jaqleb frażijiet bil-Malti għall-Ingliż kelma b'kelma li ħafna mill-qarrejja kienu jsibuhom interessanti. Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju, fil-Knisja ta' Corpus Christi, Glenroy. Il-President, il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, joffru l-kondoljanzi tagħhom lill-martu, Frances u l-familja kollha. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

# TELFA TA' ŻEWĠ MALTIN OĦRA . . .

Dan l-aħħar il-Komunita`Maltija tilfet żewġ membri oħra minn tagħha. Charlie Zammit "iż-żiffa" kien kantant u xandar ta' programmi Maltin fuq Stereo 974 FM għal ħafna snin minn fejn ixandru wkoll il-membri tagħna, Ray u Marie Louise Anastasi. Persuna oħra li ħallietna kien Noe` Bonnici li kien iħobb il-Malti u kien ikun ħafna drabi fuq programm tar-radju Maltin kif ukoll fuq ir-radju 3AW filgħodu kmieni. Kien jikkontribwixxi xi xogħol lil Paul Vella fuq 3ZZZ u dejjem kien iċempel wara kull programm biex juri l-apprezzament tiegħu fuq dak li kien jixxandar minn fuq dan l-istazzjon. Aħna noffru l-kondoljanzi tagħna lill-familji tagħhom kollha. Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

Kull sena r-Reskeon Maltese Association and Reskeon Seniors Group jorganizzaw il-Festa ta' Marija Bambina għan-nom tal-Patrijiet tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl. Din is-sena se ssir Quddiesa fil-Kappella ħdejn iċ-Ċentru Malti ta' Parkville, nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 7 pm. Imbagħad nhar il-Ħadd, 14 ta' Settembru ssir il-Festa ta' Marija Bambina fil-Knisja ta' St Mary Star of the Sea, West Melbourne, 2.30 pm.

## IL-BALLU TAL-VITORJA (BAMBINA)

jinżamm nhar **is-Sibt, 6 ta' Settembru**

**fil-FIRENZE RECEPTIONS**

**134 McBryde Street, Fawkner, 6.30 pm**

Ikun hemm ikla ta' 5 passati u x-xorb ta' ma' l-ikel

*Mużika minn DJ Domenic*

Briju mill-Brass Band

Biljetti **$48** membri u **$50** mhux membri

Ċemplu għall-biljetti **9460-4404** Mob. **0409 961 928**

